MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 224/2013

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**1. Dr. Mark A. Mifsud Cutajar LL.D. u P.L. Katrina Zammit Cuomo li b`digriet tat-13 ta` Ottubru 2011 gew nominati Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-mejjet Anthony Francica (K.I. numru 569935M)**

**2. Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D. u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li b`digriet tat-2 ta` Ottubru 2012 gew nominati Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw il-mejta Marie Theresa Francica (K.I. numru 1487A)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-6 ta` Marzu 2013 li jaqra hekk –

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f`kuntratt datat 6 ta` Awwissu 1993 (Dok. "A") maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor George Cassar, is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil mejta Anthony Francica u Maria Theresa Francica;*

*2. Illi s-socjeta` attrici tinsab tal-konvenuti fis-somma ta` mitejn u tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin Ewro u tnax-il centezmu (€223,625.12) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tal-mejjet Anthony Francica mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B26") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-29 ta` Jannar 2013 sad-data tal-effettiv pagament;*

*3. Illi permezz ta` kuntratt datat 27 ta` Ottubru 1995 (Dok. "C") maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor George Cassar, Marie Therese Francica, iggarantiet flimkien u "in solidum" ma` Anthony Francica, is-somma ta` mitejn u tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin Ewro u tnax-il centezmu (€223,625.12) ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess Anthony Francica, mal-Bank of Valletta p.l.c.*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

*5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta` zewg ittri ufficjali datati wahda minnhom 20 ta` Settembru 2011 u l-ohra datata 2 ta` Lulju 2012 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. "D" u "E", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m`ghandhiex Din il-Qorti Tilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici li qeghda hawn titlob lil Din il-Qorti Joghgobha:*

*1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` mitejn u tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin Ewro u tnax-il centezmu (€223,625.12) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tal-mejjet Anthony Francica mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B26") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-29 ta` Jannar 2013 sad-data tal-effettiv pagament; u*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 20 ta` Settembru 2011 u 2 ta` Lulju 2012 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati l-Avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo prezentata fit-18 ta` April 2013 li jaqra hekk –

*1. Illi l-esponenti jiddikjaraw li ghadhom m`humiex edotti **mill-fatti kollha** tal-kaz u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Salv eccezzjonijiet u risposta ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-Kuraturi Deputati l-Avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati l-Avukat Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer prezentata fit-30 ta` April 2013 li jaqra hekk –

*Illi l- m`humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f`kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.*

*Salv risposta ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-Kuraturi Deputati l-Avukat Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer.

Qieset l-atti u d-dokumenti esebiti mill-bank attur.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Semghet ix-xhieda ta` Rose Cortis bhala rapprezentant tal-bank attur.

**Billi l-provi attrici mhumiex kontradetti, u d-domanda attrici tirrizulta pruvata b`mod sodisfacjenti u kif trid il-ligi, tiddeciedi l-kawza billi tilqa` t-talba tal-bank attur kif dedotta fir-rikors guramentat, bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------